MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Rikors Kongunt Numru. 296/2014

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti AB; li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet izzewgu gewwa Malta fis-7 ta' Mejju tas-sena 2005 (Ara Dok. A) anness u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena 2008;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnitehom stante li minbarra li ilhom ma jghixu flimkien ghal dawn is-snin, illum

ghandhom hajja totalment separata minn xulxin, u sahansitra jghixu f’pajjizi differenti;

Illi huma ghandhom l-impjieg taghhom rispettiv u la hemm u lanqas qatt ma kien hemm ebda problema ta’ manteniment bejn il-parti u ohra, stante illi huma finanzjarjament indipendenti u fi kwalunkwe kaz, qed jirrinunzjaw ghad-dritt illi jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin b’mod irrevokabbli;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Awissu, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrent CD;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti CD jghix barra minn Malta;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom de facto separati mis-sena 2008 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------